**Balada (Tchê Tcherere Tchê Tchê)**

Nisimgħek wara jum xogħol
Iebes u kollu dmugħ,
'Mma meta nisma' lilek
Emmini nieħu r-ruħ.

Nisimgħek tferraħ w tkanta
Miegħek tlaqqa' t-tfajliet,
It-twerżieq ġej minn qalbhom
Ocejan ta' ħlewwiet.

Arahom iż-żgħażagż jiżfnu
Ħa jinsew tant dulur,
Li jnikktilhom ħajjithom
Għax bla xogħol diżunur.

U għar-ritmu hekk mgħaġġel
Ta' dil-melodija,
Tħossok qiegħed issieħeb
Gowl tal-meravilja.

Il-kotra konċentrata
F'lejla hekk sabiħa,
Fejn l-imħabba titwemmen
U tkun iżjed sħiħa.

Iż-żghażugħa bi dmugħa
Qed tgħidlu liż-żgħażugħ,
Biex aktar jibda jafdaha
U t-tnejn iħarsu 'l fuq.

Mad-daqqa tal-Balada
Kollox isir permess,
Imma x'jibqa' wara l-kant?
Tbaħrid, vanità w mess?

Jew inkella tkun bidu
T'esperjenza vera?
Fejn il-qalb qed tinfetaħ
U ma tibqax kerha?

Sabiha mużika li
Tressaqna lejn xulxin,
Toħroġna minn ġo fina
Tagħmilna maħbubin.

Patri Mario Attard OFM Cap
26 ta' Mejju 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.